**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

10.12.2018 **A8-0417/2018/err01**

# ADDENDUM

għar-rapport

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 [dwar il-liġi ġenerali dwar l-ikel], id-Direttiva 2001/18/KE [dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 [dwar ikel u għalf ĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 [dwar l-addittivi fl-għalf], ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 [dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni], ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 [dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 [dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti] u r-Regolament (UE) Nru 2015/2283 [dwar ikel ġdid]
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Renate Sommer

A8-0417/2018

**Daħħal l-opinjoni li ġejja wara d-dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni:**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI DWAR IL-BAŻI LEGALI
6.12.2018

Is-Sinjura Adina-Ioana Vălean
President
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari;

(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Sinjura President,

Bl-ittra tad-19 ta' Novembru 2018, inti tlabt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 39(2) biex jeżamina l-validità u x-xerqien tal-bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2018.

**I – Il-kuntest**

Il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel[1] ("Regolament GFL"), u t-tmien atti leġiżlattivirelatati[2] f'dak li jirrigwarda l-valutazzjoni tar-riskju fil-katina alimentari.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dwar l-agrikoltura, l-Artikolu 114 TFUE dwar l-armonizzazzjoni fis-suq intern, u l-Artikolu 168(4)(b) TFUE dwar is-saħħa pubblika.

Emenda mressqa fil-Kumitat ENVI tfittex li żżid l-Artikolu 192(1) TFUE, dwar l-ambjent, mal-bażi legali.

**II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat**

L-Artikoli li ġejjin tat-TFUE ġew ippreżentati bħala l-bażijiet legali fil-proposta tal-Kummissjoni (enfasi miżjuda):

L-Artikolu 43 tat-TFUE, dwar l-agrikoltura u s-sajd, huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 43***
(ex Artikolu 37 TKE)

> *1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti sabiex telabora u timplimenta l-politika agrikola komuni, inkluża s-sostituzzjoni tal-organizzazzjonijiet nazzjonali b'waħda mill-forom tal-organizzazzjoni komuni previsti fl-Artikolu 40(1), u l-implimentazzjoni tal-miżuri speċifikati f'dan it-Titolu tat-Trattati.*
>
> *Dawn il-proposti għandhom jieħdu konsiderazzjoni xierqa tal-interdipendenza tal-kwistjonijiet agrikoli mqajjma f' dan it-Titolu tat-Trattat.*
>
> *2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, <u>li jaġixxu skont il-proċedura</u>*

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).
[2] Ara n-nota ta' qiegħ 8 fl-Opinjoni tas-Servizz Legali għal lista sħiħa ta' titoli u referenzi għal dawn l-atti.

*leġisltattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli prevista fl-Artikolu 40(1) kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-kisba tal-objettivi tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd.*

*3. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.*

*[...]*

L-Artikolu 114 TFUE, dwar l-armonizzazzjoni fis-suq intern, huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 114***

(ex Artikolu 95 TKE)

*1. Ħlief fejn provdut xort'oħra fit-Trattati, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kisba tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 26. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.*

*[...]*

*3. Il-Kummissjoni, fil-proposti tagħha kif maħsuba fil-paragrafu 1 li jikkonċerna s-saħħa, s-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, għandha tieħu bħala bażi protezzjoni fl-għola livell, waqt li tieħu kont partikolarment ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Fil-limiti tal-poteri rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ukoll ifittxu li jilħqu dan l-objettiv.*

*4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 36, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.*

*5. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq prova xjentifika ġdida li għandha x'taqsam mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol fuq il-bażi ta' xi problema speċifika għal dak l-Istat Membru li toriġina mill-*

*adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jkollu l-ħsieb jintroduċi kif ukoll bil-bażi għall-introduzzjoni tagħhom.*

*6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika msemmija fil-paragrafi 4 u 5, tapprova jew tiċħad id-dispożizzjonijiet nazzjonali invlouti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex, jew le mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux, jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.*

*Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perjodu, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.*

*Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta m'hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perjodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perijodu ieħor sa sitt xhur.*

*7. Meta, bis-saħħa tal-paragrafu 6, xi Stat Membru jkun awtorizzat li jżomm jew jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha immedjetament teżamina jekk tipproponix adattament għal dik il-miżura.*

L-Artikolu 168(4)(b) TFUE, dwar is-saħħa pubblika, huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 168***
(ex Artikolu 152 TKE)

1. Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

*[...]*

*4. B'deroga mill-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 6(a), u skond l-Artikolu 4(2)(k), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni tal-objettivi imsemmija f'dan l-Artikolu, billi jadottaw, sabiex jiġu affrontati l-problemi komuni tas-sigurtà:*

*(a) miżuri li joħolqu parametri għolja ta' kwalità u sigurtà għar-rigward ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, demm u derivati tad-demm; dawn il-miżuri m'għandhom ifixklu lil ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar stretti;*

*(b) miżuri fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji, li jkollhom bħala l-objettiv*

*dirett tagħhom il-ħarsien tas-saħħa pubblika;*

*(c) miżuri li jistabbilixxu standards għolja ta' kwalità u sigurtà għall-prodotti mediċinali u t-tagħmir għall-użu mediku.*

*[...]*

L-Artikolu 192(1) tat-TFUE, dwar l-ambjent, li huwa propost li jiżdied mal-bażi legali, huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 192***
(ex Artikolu 175 TKE)

*1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191.*

*[...]*

L-Artikolu 191 TFUE huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 191***
(ex Artikolu 174 TKE)

*1. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:*

— *salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent;*

— *ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;*

— *użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali;*

— *promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.*

*[...]*

L-Artikolu 193 TFUE huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 193***
(ex Artikolu 176 TKE)

*Il-miżuri* protettivi *adottati skond l-Artikolu 192, m'għandhomx jimpedixxu lil*

*xi Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar iebsa. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattati. Dawn għandhom jiġu mgħarrfa lill-Kummissjoni.*

L-Artikolu 207 TFUE dwar il-politika kummerċjali komuni, li jifforma parti mill-bażi legali tar-Regolament GFL oriġinali, huwa fformulat kif ġej:

***Artikolu 207***
(ex Artikolu 133 TKE)

*1. Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim tariffarji u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba tal-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, il-politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' dumping jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.*

*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.*

*[...]*

**III - Il-ġurisprudenza dwar il-bażi ġuridika**

Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja "l-għażla tal-bażi ġuridika ta' att Komunitarju għandha tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att"[1]. Għalhekk, l-għażla ta' bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika l-annullament tal-att ikkonċernat.

Filwaqt li l-għażla tal-bażi legali fil-prinċipju ma għandhiex tiddependi fuq l-għażla magħmula għal atti leġiżlattivi preċedenti, skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-bażi ġuridika għal miżura trid tiġi ddeterminata billi jitqiesu l-għan u l-kontenut tagħha stess u mhux fuq il-bażi legali użata għall-adozzjoni ta' miżuri oħra tal-UE li jistgħu, f'ċerti każijiet, juru karatteristiċi simili. Madankollu, meta att leġiżlattiv ikun imfassal biss bħala suppliment jew korrezzjoni ta' att leġiżlattiv ieħor, mingħajr ma jinbidel l-għan oriġinali tiegħu, il-leġiżlatura tal-UE hija intitolata bis-sħiħ li tibbaża dan tal-aħħar fuq il-bażi legali tal-ewwel att. [2]

[1] Kawża C-45/86, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati), [1987] ECR 1439, paragrafu 5; Kawża
C-440/05, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* [2007] ECR I-9097; Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni* vs Il-Parlament u l-Kunsill [2009] Ġabra I-7585.

[2] Ara s-sentenza tas-21 ta' Ġunju 2018, *il-Polonja vs il-Parlament u l-Kunsill* , C-5/16, EU:C:2018:483, p. 49, p. 69 u l-ġurisprudenza ċċitata.

F'dak li jirrigwarda l-bażijiet ġuridiċi multipli, irid jiġi stabbilit jekk il-proposta:

1. għandhiex skop multiplu jew komponenti multipli, li wieħed minnhom huwa identifikabbli bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-oħrajn huma sempliċiment inċidentali; jew
2. għandhiex simultanjament għadd ta' objettivi jew diversi komponenti li huma indissoċjabbilment konnessi, mingħajr ma l-ebda wieħed minnhom ikun sekondarju jew indirett fil-konfront tal-ieħor.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel każ l-att irid ikun ibbażat fuq bażi ġuridika unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew mill-komponent ewlieni jew predominanti, u fit-tieni każ l-att irid ikun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.[1]

## IV - L-għan u l-kontenut tar-regolament propost

L-għan ewlieni tal-proposta hu li tagħmel studji użati fil-valutazzjoni tar-riskju fil-katina alimentari aktar trasparenti u tindirizza d-domandi tas-soċjetà għal proċess ta' valutazzjoni tar-riskju aktar trasparenti u indipendenti u għal komunikazzjoni tar-riskju aktar effettiva. Billi ssaħħaħ il-governanza tal-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel (EFSA) u tagħmel il-valutazzjoni tar-riskju aktar sostenibbli, għandha l-għan li tiżgura li l-EFSA se tkompli taqdi rwol fundamentali fis-sistema tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u tikkontribwixxi għas-saħħa u għall-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni u għal industrija agroalimentari innovattiva u kompetittiva tal-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, il-proposta għandha l-għan li żżid il-garanziji ta' affidabilità, oġġettività u indipendenza tal-istudji li tuża l-EFSA fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni; Għal dawk il-finijiet, il-proposta tfittex li ttejjeb il-governanza ta' u ssaħħaħ il-kooperazzjoni xjentifika tal-Istati Membri mal-EFSA u l-parteċipazzjoni tagħhom fiha, li ssaħħaħ il-kapaċità tal-EFSA li żżomm livell għoli ta' kompetenza xjentifika fl-oqsma differenti tal-ħidma tagħha, speċjalment il-kapaċità tagħha li tattira xjentisti eċċellenti biex ikunu membri tal-Bordijiet Xjentifiċi tagħha, u li tiżviluppa strateġija komprensiva u effettiva ta' komunikazzjoni tar-riskju, li tinvolvi lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-EFSA matul il-proċess kollu tal-analiżi tar-riskju.

Il-proposta tikkonsisti f'40 premessa u 11-il artiklu; L-Artikolu 1 jinkludi emendi għar-Regolament GLF billi jintroduċi 18-il artikolu ġdid dwar il-komunikazzjoni tar-riskju, mistoqsijiet dwar il-governanza tal-EFSA, ir-reġistru tal-istudji, il-konsultazzjoni ta' partijiet terzi, il-kontrolli, l-istudji ta' verifika, il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-data u l-għoti tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati li jistabbilixxu pjan ġenerali għall-komunikazzjoni tar-riskju dwar kwistjonijiet relatati mal-katina agroalimentari. L-Artikoli minn 2 sa 9 jinkludu emendi minuri fit-tmien atti leġiżlattivi l-oħra, primarjament dwar it-trasparenza u l-kunfidenzjalità. Fl-aħħar nett, l-Artikoli 10 u 11 jittrattaw il-miżuri tranżitorji u d-dħul fis-seħħ.

[1] Ara l-Kawża C-411/06, iċċitata hawn fuq, paragrafi 46-47.

Ir-rapport finali dwar id-dossier adottat fl-ENVI jikkonsisti f'131 emenda, iżda bl-eċċezzjoni tal-emenda li tfittex li tbiddel il-bażi legali, ma jidhirx li dawn ibiddlu b'mod sostanzjali l-għan u l-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni.

## V – Id-determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa

L-ewwel nett għandu jiġi nnotat li r-Regolament GFL li issa qed jiġi emendat kien ibbażat fuq it-tliet bażijiet legali mressqa mill-Kummissjoni fil-proposta, flimkien mal-Artikolu 133 KE dwar il-politika kummerċjali komuni (issa l-Artikolu 207 TFUE). Madankollu, il-Kummissjoni ma inkludietx l-Artikolu 207 TFUE fil-proposta, li jidher li huwa korrett peress li l-proposta ma għandha xejn x'taqsam mal-politika kummerċjali komuni.[1]

Is-servizz Legali pprovda din il-ħarsa ġenerali utli tal-bażijiet legali tad-disa' atti leġiżlattivi koperti mill-proposta[2]:

| | |
|---|---|
| Regolament GFL | L-Artikoli 37, 95, 133 u 152(4)(b) KE |
| Id-Direttiva 2001/18 | L-Artikolu 95 KE |
| Ir-Regolament 1829/2003 | L-Artikoli 37, 95 u 152(4)(b) KE. |
| Ir-Regolament 1831/2003 | L-Artikoli 37, u 152(4)(b) KE. |
| Ir-Regolament 2065/2003 | L-Artikolu 95 KE |
| Ir-Regolament 1935/2004 | L-Artikolu 95 KE |
| Ir-Regolament 1331/2008 | L-Artikolu 95 KE |
| Ir-Regolament 1107/2009 | L-Artikoli 37(2), 95 u 152(4)(b) KE |
| Ir-Regolament 2015/2283 | L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |

L-ewwel nett jista' jiġi konkluż li l-atti kollha li ġEW proposti biex jiġu emendati kienu bbażati fuq waħda jew fuq kombinazzjoni tat-tliet bażijiet legali fil-proposta tal-Kummissjoni. Ir-Regolament 1107/2009 huwa madankollu bbażat speċifikament parzjalment fuq il-paragrafu 2 tal-Artikolu 43 tat-TFUE (ex Artikolu 37 KE), li huwa l-paragrafu operattiv li jagħmel referenza għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Minħabba li, skont il-każistika msemmija hawn fuq, fejn att leġiżlattiv huwa mfassal sempliċement bħala suppliment jew korrezzjoni ta' att leġiżlattiv ieħor, mingħajr ma jinbidel l-għan oriġinali tiegħu, il-leġiżlatura tal-UE hija intitolata bis-sħiħ li tibbaża dan l-att tal-aħħar fuq il-bażi legali tal-ewwel att, jidher li l-Kummissjoni inkludiet b'mod korrett it-tliet artikoli rilevanti fil-bażi ġuridika, mhux l-inqas meta jitqies li l-għan tal-proposta mhuwiex li tbiddel l-għanijiet oriġinali tal-atti emendati iżda sempliċiment li jissaħħu ċerti aspetti limitati tagħha.

Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament GLF, dwar l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, huwa jipprovdi l-bażi għall-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-interess tal-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel, filwaqt li jiżgura l-funzjonament

[1] Ir-rapport tal-Kumitat ENVI madankollu jintroduċi Premessa 4a ġdida li indirettament tmiss il-politika kummerċjali komuni: "Meta tiffirma ftehimiet kummerċjali, jeħtieġ li l-Unjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel ta' pajjiżi terzi sħab magħha tkun tal-anqas tipproteġi s-sigurtà tal-ikel daqs il-leġiżlazzjoni Ewropea, sabiex tiggarantixxi s-sikurezza tal-konsumaturi u timpedixxi kompetizzjoni inġusta mal-prodotti Ewropej."
[2] Ara l-Opinjoni tas-Servizz LegaliSJ-0333/18, punt 15.

effettiv tas-suq intern, u jistabbilixxi prinċipji u responsabbiltajiet komuni, il-mezzi li jipprovdu bażi xjentifika soda, arranġamenti effiċjenti organizzattivi u proċeduri biex isostnu t-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ikel u l-għalf.

Il-proposta attwali bl-ebda mod ma tibdel dawn l-għanijiet tar-Regolament GLF iżda għandha l-għan li ssaħħaħ ċerti aspetti tiegħu, b'mod partikolari b'rabta mat-trasparenza tal-valutazzjoni tar-riskju u ċerti aspetti ta' governanza tal-EFSA, korp li ġie stabbilit ukoll mir-Regolament GLF. It-tmien atti leġiżlattivi l-oħra huma emendati primarjament biss fir-rigward tal-aspetti tat-trasparenza u l-kunfidenzjalità, filwaqt li l-għanijiet oriġinali tagħhom mhumiex affettwati minn dawn il-bidliet. Għal dawn ir-raġunijiet, il-proposta tal-Kummissjoni setgħet għalhekk tkun ibbażata korrettament fuq il-bażi legali tal-atti oriġinali, jiġifieri t-tliet artikoli mressqa mill-Kummissjoni, kif jidher fit-tabella ta' hawn fuq.

Imbagħad, il-kwistjoni ssir jekk dawn it-tliet artikoli għandhomx jiġu inklużi fil-bażi legali jew jekk ikunx biżżejjed li jiġu nkluż artikolu wieħed jew tnejn biss minnhom.

Peress li s-Servizz Legali jindika li l-Artikolu 114 tat-TFUE (ex Artikolu 95 KE) diġà huwa bażi legali għall-atti emendati kollha għajr wieħed u minħabba li l-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas proċedurali u t-trasparenza tal-proċessi ta' awtorizzazzjoni, jista' jingħad li l-għan ewlieni tagħha huwa li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u għalhekk, fil-prinċipju, ir-rikors għall-Artikolu 114 tat-TFUE bħala bażi legali jista' jkun biżżejjed.[1]

Għalhekk għandu jiġi determinat, skont il-ġurisprudenza msemmija hawn fuq, jekk dawn l-aspetti tas-suq intern jikkostitwixxux l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti, billi l-agrikoltura u s-sajd fl-Artikolu 43 TFUE u s-saħħa pubblika fl-Artikolu 168(4) TFUE huma sempliċiment inċidentali, jew jekk it-tliet objettivi jew komponenti kollha humiex segwiti simultanjament u b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett fir-rigward tal-ieħor.

Minħabba li r-Regolament GLF jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel u jistabbilixxi wkoll l-EFSA bħala l-korp responsabbli għall-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, l-istabbiliment tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u l-politiki agrikoli u tas-sajd komuni (l-Artikolu 43(2) TFUE) u l-miżuri fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji li għandhom bħala l-objettiv dirett tagħhom il-protezzjoni tas-saħħa pubblika (l-Artikolu 168(4)(b) tat-TFUE) ma tantx jista' jingħad li huma sekondarji jew indiretti għall-objettiv tas-suq intern ġenerali iżda għandhom jitqiesu li huma segwiti b'mod simultanju u inseparabbli minnu.

L-Artikoli 43(2) u 168 (4) TFUE għalhekk iridu jingħaqdu flimkien mal-Artikolu 114 TFUE biex jiffurmaw il-bażi ġuridika għall-proposta.

Fl-aħħar nett, fadal il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 192(1) TFUE għandux jiżdied mal-bażi ġuridika.

L-emenda li ġiet adottata fl-ENVI u li għandha l-għan li żżid dan l-Artikolu fuq l-ambjent mal-bażi legali kienet iġġustifikata: *"L-awtorizzazzjoni biex jiġu kultivati jew biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni organiżmi, pjanti jew annimali ġenetikament modifikati kif ukoll l-*

[1] *Idem*, punt 18.

*awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi ta' pestiċidi għandha impatti konsiderevoli fuq l-ambjent naturali u fuq is-saħħa tal-bniedem; il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem tifforma parti mill-politika ambjentali tal-UE*".

Filwaqt li huwa ċar mit-Trattat li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi biex jinkiseb l-objettiv tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, il-protezzjoni ambjentali sempliċement mhijiex l-għan primarju u l-kontenut tal-proposta. Kif deskritt aktar kmieni, l-għan u l-kontenut tal-proposta għandhom jitqiesu pjuttost li huma l-aspetti ta' agrikoltura/sajd u ta' saħħa pubblika ta' proċessi ta' awtorizzazzjoni fis-suq uniku.

Barra minn hekk, l-Artikolu 114(3) TFUE diġà jirrikjedi li l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, fi ħdan is-setgħat rispettivi tagħhom, jieħdu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni ambjentali fi kwalunkwe miżura għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, inkluż billi jitqies b'mod partikolari kwalunkwe żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi.

Fl-aħħar nett, peress li s-Servizz Legali jindika wkoll, fi kwalunkwe każ hemm reġimi legali differenti applikabbli skont l-Artikoli 114 u 192 TFUE dwar il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti.[1] Billi l-Artikolu 193 tat-TFUE jagħmilha ċara li l-miżuri protettivi adottati skont l-Artikolu 192 TFUE ma jimpedixxu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi aktar stretti, l-Artikolu 114 TFUE jinkludi sistema kkumplikata ta' verifika għal miżuri nazzjonali diverġenti li tagħti lill-Kummissjoni rwol prominenti biex tiżgura li tali miżuri nazzjonali mhumiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u l-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk dawn jikkostitwixxux ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern jew le. jidher ċar li dawn iż-żewġ reġimi legali huma inkompatibbli ma' xulxin.

L-Artikolu 192(1) TFUE għalhekk mhuwiex bażi ġuridika xierqa għall-proposta.

## **VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Fid-dawl tal-analiżi li ssemmiet qabel, l-Artikoli 43(2), 114 u 168(4) tat-TFUE jikkostitwixxu l-bażi legali xierqa għall-proposta.

Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda għalhekk, b'10 voti favur, 0 voti kontra u b'7 astensjonijiet[2], li jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għalhekk ma għandux jaċċetta l-Artikolu 192(1) TFUE bħala bażi legali addizzjonali fil-proċedura sussegwenti dwar dan id-dossier.

---

[1] Ara l-Opinjoni tas-Servizz Legali, SJ-0333/18, punt 24.
Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pavel Svoboda (President), Jean-Marie Cavada, Mady Delvaux (Viċi Presidenti), Axel Voss (rapporteur għal opinjoni), Max Andersson, Joëlle Bergeron, Geoffroy Didier, Angel Dzhambazki, Rosa Estaràs Ferragut, Mary Honeyball, Ana Miranda, Julia Reda, Evelyn Regner, Jens Rohde, Virginie Rozière, Tiemo Wölken, Georges Bach, Philippe Loiseau, (minflok Marie-Christine Boutonnet skont l-Artikolu 200(2)).

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

*(Taffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.)*